

- 6) L-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv tista' tkun ikkaratterizzata f'kuntratt bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali li fih iż-żewġ partijiet jinkorru riskju ta' kambju, peress li, minn naħa, il-professjonist għandu mezzi superjuri mill-konsumatur sabiex jantiċipa r-riskju tal-kambju u peress li, min-naħa l-oħra, ir-riskju sostnut mill-professjonist huwa suġġett għal limitu massimu filwaqt li dak sostnut mill-konsumatur ma huwiex?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Paris (Franza) fit-30 ta' Ġunju 2020 – IB
vs FA**

(Kawża C-289/20)

(2020/C 297/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Paris

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IB

Konvenut: FA

Domanda preliminari

Meta, bħal f'dan il-każ, miċ-ċirkustanzi fattwali jirriżulta li wieħed mill-konjuġi jaqşam haġtu bejn żewġ Stati Membri, jista' jitqies, fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 (¹) u għall-applikazzjoni tiegħu, li huwa għandu r-residenza abitwali tiegħu f'żewġ Stati Membri, b'tali mod li jekk il-kundizzjonijiet elenkati minn dan l-artikolu jiġu ssodisfatti f'żewġ Stati Membri, il-qrati ta' dawn iż-żewġ Stati Membri għandhom ġurisdizzjoni ugwali sabiex jagħtu deċizzjoni fuq id-divorzju?

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, u rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63).

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mis-Satversmes tiesa (il-Latvja) fit-30 ta' Ġunju 2020 – AS
Latvijas Gāze vs Latvijas Republikas Saeima, Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija**

(Kawża C-290/20)

(2020/C 297/46)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Satversmes tiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AS Latvijas Gāze

Partijiet oħra fil-proċedura: Latvijas Republikas Saeima, Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija